# il-Ħuttafa

Numru **192** Marzu 2026




BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf




Dan l-arbuxell sabiħ mimli fjuri jgħidulu **fexfiex tal-irdum**



# Hej Ħbieb...

mill-editur

Dil-ġimgħa kelli grupp studenti tal-Year 6 li kienu għadhom kemm ħadu tixriba xita. Staqsejthom:

"Ix-xita għandna bżonnha?"

Għalkemm kienu għasra, ilkoll qablu li iva. Imbagħad staqsejthom:

"U r-riħ? Għandna bżonnu r-riħ?"

Kwiet! Fl-aħħar, waħda tifla qaltli:

"Biex idoqqilna ċ-chimes?"

Ħeqq, ippruvat miskina.

U kieku nistaqsi lilkom x'tgħiduli?

Ħmm... mela ħa ngħidilkom jien, ħbieb. Li kieku ma kienx ir-riħ, l-art tad-dinja tkun kważi kollha deżert.

Tgħiduli: "Kif?"

Mela: għaliex l-art mhix deżert?

Ovvja! Għax tagħmel ix-xita u jikbru l-pjanti, il-foresti u l-ħxejjex.

Prosit. Minn fejn tiġi x-xita?

Ovvja! Mis-sħab.

Tajjeb. U minn fejn jiġi s-sħab?

Ovvja! Mill-ilma li jitla' mill-baħar.

Imma jekk is-sħab jifforma fuq il-baħar, kif tagħmel ix-xita fuq l-art?

Ovvja! Għax is-sħab jiċċaqlaq.

Sewwa, u s-sħab kif jiċċaqlaq?

Emm... ħmmm... bir-riħ, hux!

**Fhimtu issa għaliex għandna bżonnu r-riħ?**

Mela meta darb'oħra tisimgħu xi ħadd jgħid: "Uff xi dwejjaq ta' riħ!" spjegawlhom ftit, owkej?

Ir-riħ għandna nirringrazzjawh talli jżommilna d-dinja ħadra u ħajja!

Issa ħa nħallikom ħa mmur naqla' ċ-chimes li għandi fil-ġnien, għax ħaduli rasi jċemplu!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



**Minn dil-ħarġa *Il-Ħuttafa* se tibda toħroġ kull tliet xhur. 'Il quddiem aktarx inżidulha l-paġni wkoll. Sadattant minn dil-ħarġa bdejna tliet sensieli ġodda.**

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Desirée Falzon

## Papoċċi Bajda

Sicilian Snapdragon *Antirrhinum siculum*

Pjanta komuni li taraha tikber fil-kampanja, speċjalment minn ġo ħitan tas-sejjieħ. Bħalissa tkun mimlija fjuri sofor ċari ħafna b'xi vini rqaq vjola fin-nofs mal-"ħalq". Minkejja li hija komuni, il-papoċċi bajda hija speċjali għal Malta, għax mid-dinja kollha tinsab tikber biss fi Sqallija... u f'pajjiżna!

Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife MALTA

## In this issue...

| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Xi stramberija! NEW | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Mid-dinja | 5 |
| A sea of clues | 6 |
| Jiġu mill-bogħod | 7 |
| Agrett Isfar | 8–9 |
| Voluntiera tal-BOV | 10 |
| Colour the ladybirds | 11 |
| Art gallery | 11 |
| Birding in Malta 101 NEW | 12–13 |
| X'inhi d-differenza? NEW | 14 |
| L-għasfur tal-logo... | 14 |
| Il-brimba ħotbija | 15 |
| Student Passport | 16 |

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every three months.

Your family too can become a member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Contacts...

tel **21347645**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, March 2026

Design and production Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Ixxala pankrazju!




Fir-riserva naturali tal-Għadira hemm ħabitati rari ħafna. Fost dawn hemm l-**għaram tar-ramel**, bl-Ingliż ***sand dunes***. Fl-għaram tar-ramel jgħixu pjanti u annimali li wkoll huma rari.

Fix-xhur li għaddew għamilna biċċa xogħol eċitanti. Fir-riserva hemm roqgħa għaram mitluqa li mas-snin kienet tgħattiet għal kollox b'siġar, arbuxelli u qasab aljeni.

Meta jiġri hekk, il-pjanti tal-għaram imutu għax fid-dell tas-siġar dawn ma jikbrux.

Il-proġett kien li nikxfu r-ramel mill-ġdid ħalli fih terġa' tinfirex il-flora indiġena tal-għaram, kif suppost. Il-BirdLife kienet ilha ħafna snin toħlom b'dal-proġett. Fl-aħħar stajna nagħmluh bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.

Wara li tlesta x-xogħol tħawlu wkoll xi pjanti indiġeni tal-għaram tar-ramel, fosthom **xewk ir-ramel**, **simar niġġież** u r-reġina tar-ramliet: il-**pankrazju**, li anke waħdu beda jinfirex. Kiber ukoll ħafna **kromb il-baħar**. Ir-riħ qawwi, ir-ramel itir u raxx il-baħar xejn ma kiddhom. U Storm Harry lanqas ħassewh! Dawn il-pjanti mdorrijin. Sa sentejn oħra l-post lanqas ħa jingħaraf.

Grazzi lin-nies tal-BirdLife u l-voluntiera li qed jgħinu biex inżommu dal-ħabitat fi stat tajjeb.




Google Earth




**Fgat...**

Ir-ramel kien tgħatta għal kollox bi pjanti aljeni.




**... bl-aljeni**

Bl-għajnuna ta' makkinarju żgħir erġajna kxifna r-ramel mill-pjanti aljeni ħalli terġa' tinfirex il-flora indiġena.

Ritratti Victor Falzon

Xi StraMbeRijA!

Tikteb Desirée Falzon

New!




# Il-ħanfusa tad-demel

Id-dinja tagħna ilha teżisti biljuni ta' snin. L-annimali u l-pjanti tal-lum differenti ħafna minn dawk li għexu fl-antik. Anke aħna l-bnedmin fl-antik konna iqsar u ħafna iktar sufin! Il-ħajja dejjem **tevolvi**, jiġifieri tinbidel maż-żmien. Ħafna annimali u pjanti evolvew imġiba jew forma stramba. F'dis-sensiela ġdida se nħarsu lejn ftit minn dawn l-istramberiji.

## Issib l-ikel lest...

Il-ħanfusa tad-demel *(dung beetle)* tgħix ħajjitha kollha... fid-demel! F'ballun demel taħt l-art din tfaqqas bħala larva mill-bajda. Ħafna insetti meta jkunu żgħar ikunu forma ta' dudu, imbagħad jinbidlu u jsiru bħall-adulti.

Il-ħanfusa tad-demel tiekol mid-demel li tfaqqas fih sakemm isirilha ż-żmien li tinbidel. Id-demel ikun mimli nutrijenti, żerriegħa u anke ilma, allura l-ħanfusa żagħżugħa ssib l-ikel lest bla ma toqgħod tfittxu.

## Toħroġ lesta...

Meta tkun kibret biżżejjed, il-larva tagħmel il-fosdqa – fl-istess ballun demel – u wara ftit żmien mill-fosdqa toħroġ il-ħanfusa adulta lesta. Din imbagħad toħroġ minn taħt l-art permezz ta' saqajn b'saħħithom li kapaċi jiftħu toqba fil-wiċċ tal-ħamrija.

## Jirrumblawha...

Il-ħanfusa issa tibda taħseb biex tagħmel iż-żgħar billi ssib sieħeb jew sieħba... u ballun demel ġdid! Dan jaf ikun redus tal-fniek jew demel tal-baqar, mogħoż u anke klieb. Flimkien jaqtgħu biċċa u jagħtuha forma ta' ballun. Imbagħad jirrumblawha lejn post kenni fejn il-ħamrija tkun ratba biex iħaffru ħofra fiha. Il-ħanfus issa jniżżlu l-ballun demel fil-ħofra taħt l-art, jitgħammru, u fl-aħħar il-mara tbid ġol-ballun demel.

Meta jlestu xogħolhom, il-ħanfus adulti aktarx jibqgħu taħt l-art, jieklu d-demel.

Xi stramberija hux!



# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **408 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha: dawn huma numri **231** sa **240**.

231 
Isem Malti
**Kaċċamendula Ħamra**
Isem Ingliż
**Red-backed Shrike**
Isem xjentifiku
*Lanius collurio*

232 
Isem Malti
**Kaċċamendula Denbha Aħmar**
Isem Ingliż
**Red-tailed Shrike**
Isem xjentifiku
*Lanius phoenicuroides*

233 
Isem Malti
**Kaċċamendula Griża**
Isem Ingliż
**Lesser Grey Shrike**
Isem xjentifiku
*Lanius minor*

234 
Isem Malti
**Kaċċamendula Nordika**
Isem Ingliż
**Great Grey Shrike**
Isem xjentifiku
*Lanius excubitor*

235 
Isem Malti
**Kaċċamendula**
Isem Ingliż
**Woodchat Shrike**
Isem xjentifiku
*Lanius senator*

236 
Isem Malti
**Kaċċamendula tal-Maskra**
Isem Ingliż
**Masked Shrike**
Isem xjentifiku
*Lanius nubicus*

237 
Isem Malti
**Ċawla**
Isem Ingliż
**Eurasian Jackdaw**
Isem xjentifiku
*Corvus monedula*

238 
Isem Malti
**Korvu**
Isem Ingliż
**Rook**
Isem xjentifiku
*Corvus frugilegus*

239 
Isem Malti
**Għarab**
Isem Ingliż
**Common Raven**
Isem xjentifiku
*Corvus corax*

240 
Isem Malti
**Ċawlun**
Isem Ingliż
**Common Crow**
Isem xjentifiku
*Corvus corone*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

# Lura mix-xifer

Mid-Dinja



L-**avultun daqni** *(bearded vulture)* huwa għasfur kbir. Jiżen xi 7kg, b'medda ġwienaħ ta' 2.8m. Jgħidulu daqni għax madwar munqaru għandu troffa rix iswed qisha leħja. Jgħix għall-kwiet qalb il-muntanji u ma jdejjaq lil ħadd. Imma miskin għamel ħafna snin bil-bniedem jippersegwitah u joqtlu. Dan għax kienu jaħsbu li jisraq il-ħrief tan-ngħaġ, li mhu veru xejn. Dan l-avultun jiekol biss fdalijiet ta' annimali mejtin, speċjalment l-għadam tagħhom.

Il-kaċċa u l-ivvelenar bla sens wassal biex dawn l-avultuni nqerdu minn ħafna nħawi tad-dinja, fosthom Ewropa. Sal-bidu tas-seklu 20 l-avultun daqni kien sparixxa mill-Alpi. B'xorti tajba llum nafu li dan l-għasfur ma jagħmilx ħsara, anzi jgħin għax inaddaf il-kampanja. Fis-snin Tmenin inbdew proġetti fl-Iżvizzera, Franza, l-Italja, l-Awstrija u l-Ġermanja biex l-avultun daqni jerġa' jiddaħħal fl-Alpi. Bdew jitrabbew frieħ u jintelqu fis-selvaġġ – mas-snin intelqu b'kollox xi 260 avultun. Bis-saħħa ta' dawn l-isforzi l-avultun daqni llum reġa' jittajjar qalb il-qċaċet tal-Alpi. Prosit, dik serjetà!



# A SEA OF CLUES – DARWIN'S QUEST FOR EVOLUTION

MALTA NATIONAL AQUARIUM

**Clue 1: Artificial selection**
Humans may select specific animals for breeding to obtain desired traits (size, colour, shape). Over time, they can look very different because of these choices. A good example of this is the various breeds of dogs and cats.

**Clue 2: Very old Earth**
Volcanoes and earthquakes have shaped the Earth over a long time, creating new environments.

**Clue 3: Fossils**
Darwin found fossils of strange animals that no longer exist. Some looked like bigger versions of animals still living today. This showed that species can change or disappear.

**Clue 4: Variation**
Darwin noticed that individuals of the same species are not all the same.

**Clue 7: Survival of the best adapted**
Individuals with helpful traits are more likely to survive and reproduce.

**Clue 5: Island animals**
Animals on islands may look slightly different from those found on the mainland. We can also see variations between nearby islands.

**Clue 6: Species fit their environment**
Animals have body shapes and behaviours that help them survive and live successfully in their environment.






**Unexpected ally: Wallace**
**He was another scientist who came to the same conclusion as Darwin. But instead of competing, they shared their discovery.**



**Magic Item: Book of Competition**
**This book helped Darwin understand that animals have more babies than will survive. Since food and space are limited, living things must compete to survive.**

**Legendary Item: Courage**
Darwin was afraid of people's reaction to his ideas. It took great courage to finally share his discovery with the world!

**Final Treasure: Theory of Evolution by Natural Selection**
Living things change over time: the best-adapted organisms survive and have more offspring.

# Jiġu mill-boooooghod!

Fir-rebbiegħa miljuni ta' għasafar jaqsmu l-baħar Mediterran biex imorru l-Ewropa jbejtu. Ħafna minnhom ikunu għaddew ix-xitwa xi mkien fl-Afrika ta' Fuq, imma oħrajn jgħaddu x-xitwa fl-Afrika Ċentrali. Jiġifieri meta dawn jibdew il-vjaġġ lura lejn l-Ewropa, ikollhom l-ewwel jaqsmu d-Deżert Saħara, jiġifieri ġibda ta' xi 3000km! Imbagħad ikun għad iridu jaqsmu l-baħar. Dawn huma ftit minn dawk il-*long-distance fliers*.



**Fjamma**
**Common Redstart**
Charles Galea Bonavia

Tgħid dis-sena nerġa' nbejjet Malta?



**Fras-servjent**
**Black-winged Stilt**
Ian Balzan

Il-ħuttaf anke sal-Afrika t'Isfel jibqa' nieżel!



**Ħuttafa**
**Barn Swallow**
Aron Tanti

Hawn hi l-maskot tal-Klabb!



**Kuda**
**Northern Wheatear**
Aron Tanti



**Ċikonja Bajda**
**White Stork**
Aron Tanti



**Vjolin Safrani**
**Willow Warbler**
Aron Tanti

Din mhux 7 grammi tiżen imma!

Iċ-ċikonja bajda tiżen sa 4.5 kilo.

Kif għasfur li jiżen 7 grammi u li ma jafx jgħum jagħmel vjaġġ bħal dak hija ħaġa inkredibbli.

Tal-blieh, bro!

Ir-rundun kapaċi jtir distanzi twal billi jigglajdja bla ma jaqdef. B'hekk jiffranka ħafna enerġija.



**Rundun**
**Common Swift**
Aron Tanti

Darb'oħra agħmel xagħrek għar-ritratt!



**Daqquqa tat-Toppu**
**Hoopoe**



**Żanżarell Iswed**
**Pied Flycatcher**
Raymond Vella



# Agrett Isfar

Squacco Heron *Ardeola ralloides*



Ritratt ta' James Aquilina


BirdLife
MALTA



# Petitu u l-voluntiera tal-BOV











Ħelow ħbieb!

Jien Petitu, għasfur żgħir li nħobb ħafna n-natura u l-ambjent. Meta nara n-nies jieħdu ħsieb id-dinja tagħna, qalbi ttir bil-ferħ! Fl-2025 rajt xi ħaġa sabiħa ħafna: l-impjegati tal-BOV qasmu l-ħin u l-enerġija tagħhom biex jgħinu lill-ambjent.

Dawn il-ħbieb kbar tiegħi għenu 9 NGOs ambjentali, organizzaw 36 attività, u kien hemm 423 voluntier li flimkien taw aktar minn 2500 siegħa ta' volontarjat. X'ħidma sabiħa! Rajthom inaddfu l-bajjiet, jaħdmu fil-ġonna, u jqattgħu ħin ma' ħbiebna l-klieb u żwiemel ferħanin!

L-akbar avveniment kien ma' Żibel, fejn 54 voluntier ngħabru flimkien biex inaddfu post wieħed f'daqqa. Grazzi BOV, intom qed tgħinu d-dinja tagħna tkun post isbaħ!

*Petitu*
(l-għasfur tal-bejt)

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta





# Colour the ladybirds

Not all ladybirds are red, you know! There are brown, black and orange ones. And yes, there are yellow ones too. Here are two for you to colour: a **22-spot ladybird** and a **7-spot ladybird**. Can you guess which is which? Ha ha, that's easy!




Email us your nature drawings so we can publish them here!



victor.falzon@birdlifemalta.org

## M'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

Tixtieq tidħol fil-Klabb?
Tixtieq iġġedded?
Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!

## Tixtieq tagħmel donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex taħdem għan-natura. Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!



**Crab**
Evie Sant Mercieca (6 yrs)




## Birding in Malta 101

# Starting your birdwatching adventure

Nicholas Galea

### Not just about birds

Have you ever tried looking at the world the way a birdwatcher does? Birdwatching is not just about seeing birds; it's about slowing down, paying attention, and discovering the wildlife that lives all around us. A simple walk in the countryside or along the coast can turn into an exciting adventure once you start noticing birds.

### You'll never get tired

In this new series, we will explore the world of birdwatching and learn how anyone can get started. We will share simple tips that will help you become a better observer of birds and nature. I can guarantee that birdwatching is a hobby you will never get tired of. It can also help you make lots of friends and even take you to amazing places around the world.

### Easy to begin

One of the great things about birdwatching is that it's very easy to begin. You don't need expensive equipment or special training. The most important thing is **patience**. But there are a few tools that can make the experience much better.

The most essential is a pair of **binoculars**. Binoculars allow you to watch birds and see details that are impossible to notice with the naked eye. If you want to enjoy birdwatching properly, it is worth buying a good pair of **8x42** or **10×42** binoculars. The first number shows the magnification (**8x** means you'll see the bird eight times bigger), while **42** is the lens diameter, which affects how bright the image appears. Very cheap binoculars often give poor clarity and can make birdwatching less exciting.




### Get to know

It's a good idea to get to know what birds we find in Malta. **Field guides** are very useful for this. Two excellent ones are the *Collins Bird Guide*, with beautiful, accurate illustrations, and *Europe's Birds: An Identification Guide*, which has excellent annotated photographs. The Collins guide is also available as a **mobile app**. Another useful app is *Merlin Bird ID*, which helps you identify birds from sounds or photos.








## The best field guides to the birds of Europe






## Keep a log

A great habit to start early is keeping a **birdwatching log**. Write down the date, where you went, and the birds you saw. In time, this becomes your own personal record of nature observations. **E-Bird** is a cool website (and app) that can help you do this.



## The best way

The best way to learn, however, is by birdwatching with more experienced birders – that's why we have the **Young Birders Club** and organise regular birdwatching outings.

Spring is the best time to start birdwatching. In spring, many birds migrate across the Mediterranean and stop in Malta to rest. Visiting nature reserves such as Għadira, Is-Simar and Salina gives you a good chance of seeing many different species.

To learn more about the club, join our outings, or simply to ask questions about birdwatching, feel free to send us an email (see bottom of this page). We'll be happy to help you begin your birding journey!

YOUNG CLUB BIRDERS






**A lovely flock of little egrets lifting off from Għadira nature reserve**

Aron Tanti

New!

# X'inhi d-differenza bejn pine cone u acorn?

Ħafna nies iħawduhom dawn it-tnejn. Hawn hi d-differenza...




Victor Falzon




Victor Falzon




L-**acorn** bil-Malti jgħidulha **ġandra** (plural ġandar). Il-ġandra hija ż-żerriegħa ta' siġra li jgħidulha **balluta**, bl-Ingliż *oak*. Jeżistu ħafna speċi ta' ballut fid-dinja, u lkoll ikabbru l-ġandar, li jkun ta' daqsijiet, forom u lwien differenti skont l-ispeċi. Il-ġandar jikber minn qoxra li tinfetaħ u minnha titwal il-ġandra. Fl-aħħar dil-qoxra tispiċċa qisha beritta fuq ras il-ġandra, kif taraw fir-ritratt. Meta l-ġandra tkun misjura taqa' mis-siġra (kultant bil-kappell b'kollox!), u jekk taqa' fil-ħamrija tista' tinbet u tikber f'balluta ġdida. Il-ġandar fir-ritratt huwa tal-balluta magħrufa bħala ***holm oak***, siġra indiġena Maltija.

Il-**pine cone** bil-Malti jgħidulha **prinjola** (plural prinjol, prinjoli jew prinjoliet). Kif juri isimha din hija l-frotta ta' siġra li jgħidulha **pine**, bil-Malti **żnuber** jew siġra tal-prinjol. Iż-żnuber ma jagħmilx fjuri, imma jagħmel dan il-prinjol minflok. Is-siġra tagħmel prinjoli rġiel u nisa. Mill-prinjoli rġiel joħroġ ħafna polin li jtir mar-riħ u jeħel mal-prinjoli nisa. Il-prinjoli rġiel imbagħad jinxfu u jmutu, imma l-prinjoli nisa jibdew jikbru għax fihom tibda titrabba ż-żerriegħa. Wara xi tliet snin il-prinjoli jiftħu u minnhom taqa' ż-żerriegħa. Il-prinjol tar-ritratt huwa tas-siġra ***Aleppo pine***, siġra indiġena Maltija.




## L-għasfur fil-logo...

Meta nħarsu lejn il-logo tal-BirdLife naraw dak l-għasfur jittajjar fuq il-kelma BirdLife. Dak mhux għasfur kwalunkwe imma huwa **ċirlewwa**. Iċ-ċirlew (bl-Ingliż *terns*) huma għasafar tal-baħar qishom gawwi imma iktar mislutin u b'denbhom spiss mifruq fi tnejn. Dar-ritratt ta' ċirlewwa tax-xitwa *(Sandwich tern)* li ħa seħibna Aron Tanti tant ġie bil-poża eżatt bħal tal-logo li stajna npoġġuh floku. Kemm qagħad sew, hux!

BirdLife
MALTA



Victor Falzon

# il-Brimba Ħotbija

- Fid-dinja jeżistu eluf ta' speċi ta' brimb. S'issa x-xjenzati jafu b'iktar minn 53,600 speċi, imma baqa' eluf oħrajn x'niskopru.
- F'Malta s'issa nafu b'xi 150 speċi ta' brimb. Dawn imqassmin f'xi 30 grupp differenti, li jissejħu familji.
- Il-brimba ħotbija qiegħda fil-familja Thomisidae, grupp li bl-Ingliż jgħidulhom **crab spiders**. Jissejħu hekk għax għandhom il-par dirgħajn ta' quddiem twal u jżommuhom miftuħin kif iżommhom il-granċ.
- Minn din il-familja għandna xi 10 speċi, u l-brimba ħotbija hija l-ikbar u waħda mill-iktar li naraw fin-natura.
- Il-brimba ħotbija jisimha hekk għax għandna żewġ ħotbiet fuq daharha (ara r-ritratt).
- Bl-Ingliż jgħidulha **humped crab spider** u l-isem xjentifiku huwa ***Thomisus onustus***.
- Il-brimba ħotbija kważi dejjem fil-fjuri taraha, imma mhux għax tiekol il-polin jew in-nektar. Bħall-brimb kollu, il-brimba ħotbija hija predatur u fil-fjuri tkun qiegħda tistenna l-priża tasal!
- Il-brimba ħotbija tiekol l-insetti li jillandjalha fil-fjura, fosthom naħal, żnażan, friefet u dubbien.
- Il-brimba toħroġ b'ħeffa għal fuq il-priża u taħtafha b'dirgħajha ta' quddiem. Imbagħad tigdimha biex tinjettalha l-velenu, u meta l-insett jieqaf jissara, tibda ssoffilu l-ġewwieni.
- Il-brimba ħotbija tuża l-kamuflaxx. Kapaċi tibdel lewnha biex jaqbel mal-fjura li tkun fuqha. Daqqa tkun safra, daqqa bajda u daqqa bi dbabar roża. Dawn huma l-iktar kuluri komuni fil-fjuri Maltin.
- Il-brimba ħotbija mhix ta' periklu għan-nies.






Heritage Malta

# Student Passport

## IL-PASSAPORT TAL-ISTUDENTI

Bil-Passaport tal-Istudenti ta' Heritage Malta tmur lura fiż-żmien! Ħallih jieħdok f'għerien u katakombi ta' eluf ta' snin ilu, binjiet li nbnew qabel ma bdiet tinkiteb l-istorja, palazzi, fortizzi u ħabsijiet. Bih fil-but għandek garanzija ta' ħafna maġija!

**Tixtieq tesplora?**

Skennja l-QR code għal aktar tagħrif: